# Studju Soċjolingwistiku fuq ir-reġistru tal-Piroteknika Maltija

Ħafna nies meta tgħidilhom il-kelma piroteknika, ma jifhmukx mal-ewwel. Fil-fatt l-ewwel ħaġa li jgħidu hija, "Din il-kelma x'inhi?" Wara li ssemmilhom il-logħob tan-nar jew murtali mill-ewwel jifhmu.

Hija sengħa ħajja mħaddma minn pirotekniċi żgħażagħ u anzjani b'mod volontarju, biex wara ħafna sagrifiċċju jsarrfuh fi prodott jew xogħol tan-nar li jiddistingwina minn kull pajjiż ieħor. Irrid ngħid li ili 5 snin f'dan id-delizzju u allura dan l-istudju iktar huwa f'qalbi u qed inħossu parti minni.



© Carlston Grima

Irrid infakkar illi l-bniedem liċenzjat li jaħdem in-nar mhuwiex dilettant imma pirotekniku. Kull persuna liċenzjata għamlet kors apposta, li jittratta diversi aspetti fil-logħob tan-nar kif ukoll l-eżamijiet li jagħmluh kompatibbli biex ikun jista' jimmanifatturah.

Il-ftit xogħlijiet marbuta mal-logħob tan-nar huma:

*In-Nar f'Ħal Għargħur: Storja ta' Raħal u ftit tagħrif ġenerali* ta' Isaac Aquilina (2010).

*Pyrotechnic Malta* ta' Godfrey Farrugia (2012).

"Snajja' Bikrin Maltin". Teżi tal-MA ta' Anthony G. Preca (1978).

"Il-Logħob tan-nar: Stħarriġ Etnografiku bi glossarju". Teżi tal-BA (Unuri) ta' Phyllisienne Mallia (2008).

Tal-aħħar għamlet riċerka etnografika fuq il-qasam tal-ajru biss permezz ta' osservazzjoni diretta u parteċipattiva, l-intervisti u t-traskrizzjoni tagħhom. Ġabret 114-il terminu u espressjoni f'din il-kultura tal-piroteknika f'Malta.

Għalhekk wara li rajt dan in-nuqqas f'dan ix-xogħol kif ukoll wara konsultazzjoni mas-superviżur Dr Michael Spagnol, ħassejt il-ħtieġa li nagħmel Maġisteru fil-Malti billi nmidd għonqi għal dan l-istudju soċjolingwistiku kif ukoll il-ġabra sħiħa ta' dan ir-reġistru Pirotekniku.

Wara li għamilt mas-sentejn niġbor ir-reġistru b'użi differenti ta' sorsi, qsamtu b'dan il-mod:

**L-Istadju Bikri fil-Piroteknika:** L-Elementi Kimiċi, Is-Sustanzi Kimiċi u t-Taħlit.

**Spjega tal-Proċessi Ewlenin fil-Piroteknika:** Il-Proċess tal-porvli, Il-Proċess tal-berqa, Il-Proċess tal-istilla u l-Proċess tal-logħob tan-nar.

**Il-Varjetà tal-logħob tan-nar f'Malta:** In-Nar tal-ajru u n-Nar tal-art.

**Tagħrif ġenerali fuq il-Piroteknika:** Informazzjoni oħra u Verbi użati fil-logħob tan-nar.

Fi ħdan ir-reġistru hemm irreġistrat madwar **1500** kelma jew espressjoni.

Minn hemm stħarriġt il-varjazzjoni billi analizzajt il-fattur tal-ġeografija, tal-età u tal-kamra. Għażilt il-kliem kollu li għandu l-varjanti biex nanalizzahom minn perspettiva soċjolingwistika. Fil-fatt:

**Il-ġeografija:** Kemm il-kamra u kemm il-persuna jridu jkunu tal-istess lokalità .

**L-età:** Persuna taħt it-30 sena, minn 30 sa 50 sena, u oħra 'l fuq minn 51.

**Il-kamra:** Żewġ kmamar jew iktar tal-istess lokalità għandhomx sehem fil-varjazzjonilessikali.

Dort il-kmamar kollha ta' Malta u Għawdex, 32 b'kollox, fejn saru l-intervisti lil tliet informanti minn kull kamra, meta kien possibbli. Ġew murija stampa jew vidjow u huma riedu jgħidu l-kelma ta' kif jirreferu għaliha. Il-kamra ta' San Mikiel ta' Ħal Lija mill-ewwel aċċettat li tagħmel dan b'idha miftuħa u intervistajt lil Jimmy Sammut, Robert Axiaq u Ryan Farrugia. Nixtieq minn hawn nirringrazzjahom tal-paċenzja li ħadu bija.

Biex nagħti eżempju wieħed, għandna kmamar tan-nar f'lokalitajiet differenti li *murtal tal-mitluqin* jirreferu għalih bħala *murtal ta' fuq il-bombi*, *murtal tal-ħames bombi*, *murtal tal-islices*, *murtal tas-sajżijiet*, *murtal tar-rockets*, *murtal tal-ħamsiet*, *murtal tad-daqqiet* u *murtal bil-logħob*.

Wara li għamilt sena ndur il-kmamar tan-nar kollha, qsamt il-kmamar f'sitt gruppi: Għawdex, in-naħa ta' Fuq ta' Malta, il-Punent ta' Malta, ix-Xlokk ta' Malta, in-naħa t'Isfel u ta' Fuq tal-port u analizzajt it-tweġibiet kollha li qalu l-pirotekniċi fit-tliet fatturi tas-soċjolingwistika.

Illum mir-riżultati nista' ngħid li:

Id-differenza fil-ġeografija għadha b'saħħitha u mifruxa sew f'pajjiżna, meta tqis li 65% tar-ritratti u l-vidjows juru varjazzjoni ġeografika ċara bejn il-grupp.

Id-differenza tal-età mhix mifruxa ħafna, meta nqisu li 21% biss juru varjazzjoni ċara bejn il-parteċipanti b'etajiet differenti.

Id-differenza tal-kamra hija b'saħħitha u mifruxa sew f'pajjiżna meta nqisu li 65% tar-ritratti u vidjows juru varjazzjoni fi ħdan il-kmamar tal-istess raħal.

Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja lill-kmamar tan-nar kollha Maltin u Għawdxin talli laqgħuni mill-ewwel biex nagħmillhom l-intervista. B'dan kollu, mhux biss kompla jikber u jissaħħaħ dan id-delizzju imma, mill-perspettiva tal-lingwa, ġiet żviluppata mappa djalettali tal-qasam lessikali tal-logħob tan-nar u se jkun utli għad-dizzjunarju Malti l-għaliex huwa nieqes ħafna mill-kliem u t-tifsiriet ta' din is-sengħa.

Grazzi lil kulħadd u minn qalbi nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil-Lijani kollha fl-okkażjoni tal-150 sena minn meta l-istatwa ta' Kristu Salvatur waslet f'raħalna.


